# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Marzu, 2000 .

**Avviz numru : 69/1995 G2 (PC)**

Hal-Caprat Limited .

vs

Roger Portelli u s-socjeta' Restaurants and Hotels Caterers Company Limited .

Illum 2 ta' Marzu 2000.

Il-Qorti ,
Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (LM245.74c) bilanc dovut minn Roger Portelli u s-socjeta' Restaurants and Hotels Caterers Company Limited, in rapprezentanza ta' xiri ta' xorb minghand is-socjeta' Hal-Caprat Limited flimkien mal-imghax kollu dovut mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Gunju, 1995 u tal-ittri interpellatorji spediti fit-30 ta' Gunju, 1995 u tal-24 ta' Awissu, 1995 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament imharrka .

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1 Ill l-eccipjent Roger Portelli ma huwiex il-legittimu kontradittur fil-konfront tas-socjeta attrici ;

2. Illi l-eccipjent roger Portelli qatt m'ghamel negozju f'ismu personali mas-socjeta' attrici .
3. Illi l-eccipjenti fil-kwalita' tieghu personali m'ghandu jaghti ebda bilanc ta' flus lis-socjeta' attrici .

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel tliet eccezjonijiet t-talbiet attrici huma preskritti .
5. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta’ konvenuta ma hix debitrici tas-socjeta’ attrici ghal ebda ammont ta’ flus .
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawza prezenti s-socjeta’ attrici qed titlob minghand il-konvenuti l-hlas tal-bilanc dovut fuq diversi konsenji ta’ nbid mibjugha lid-Duke of Edinburgh Hotel, fir-Rabat, Ghawdex (ara Dok. RD. 1), skond kif spjegat fil-prospett ipprezentat minnha bhal “Dok. RD 2”. (a fol. 8 tal-process) .

Il-konvenut Roger Portelli fil-kwalita’ tieghu personali, eccepixxa l-ewwelnett illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-konfront tas-socjeta’ attrici .

Irrizulta mid-depozizzjoni ta’ l-isess Roger Portelli li ma gietx kontradetta, illi l-lukanda maghrufa bhala d-“Duke of Edinburgh Hotel” kienet mikrija lill-kumpanija “Restaurants and Hotels Caterers Company Limited” li kienet tiggestixxi l-istess lukanda, (ara wkoll kopja ta’ l-iskrittura ta’ kiri “Dok. RP. 1”, u huwa kien biss direttur ta’ din il-kumpanija . Personalment huwa qatt ma ghamel ebda ordnijiet minghad is-socjeta’ attrici, u kwalunkwe ordnijiet li kienu jsiru minghandha dejjem saru f’isem il-lukanda . Il-hlasijiet ukoll dejjem saru mill-kumpanija li kienet tiggestixxi din il-lukanda, kif anke jirrizulta minn uhud mic-cekkijiet ta’ pagament, esbiti mill-istess konvenut (ara Dok. RP. 2 (a fol. 46) u Dok. RP. 1 a fol. 52) . Minn naha l-ohra s-socjeta’ attrici ma gabet ebda prova illi l-konvenut Roger Portelli, fil-kwalita’ tieghu personali, qatt ghamel xi ordnijiet minghandha jew li xi darba ghamel pagamenti jew irrikonoxxa xi debitu versu l-istess socjeta’ . F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma jibqaghlha ebda xelta ghajr illi tilqa’ din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Roger Portelli, tiddikjara illi huwa qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju .

Ghar-rigward tas-socjeta konvenuta “Restaurants and Hotels Caterers Company Limited”, din eccepiet il-preskrizzjoni u li m’ghandha taghti ebda flus lis-socjeta’ attrici . Huwa evidenti illi x-xiri ta’ l-inbid minghand is-socjeta’ attrici ma kienx ikun bl-imnut, fejn allura kienet tkun applikabbli l-preskrizzjoni ta’ tmintax il-xahar a tenur ta’ l-artikolu 2148

tal-Kap. 16. Evidentement il-kumpanija konvenuta kienet tixtri l-inbid bil-kwantita' sabiex imbaghad tbieghu lill-klijenti taghha fil-lukanda, u ghalhehk l-azzjoni prezenti hija preskrivibbli biss bil-perijodu ta' hames snin . Il-prospett fuq imsemmi (Dok. RD. 2) jindika illi l-ahhar negozju illi sar bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta kien fit-22 ta' Lulju 1993 meta gew ritornati l-fliexken vojta ta' l-inbid . Din il-kawza giet intavolata fis-6 ta' Dicembru 1995, u ghalhekk certament li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma hix applikabbli .

Dwar l-eccezzjoni l-ohra tal-pagament ghas-saldu, ma rrizulta minn imkien illi l-ammont indikat bhala bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta qatt thallas . Anzi meta ntbaghtet l-invoice Dok. RD. 1, Roger Portelli irritorna l-istess invoice bil-kumment "We are not intending to pay any interests whatsoever". Dan jista' facilment jigi nterpretat ghalhekk illi, ghalkemm ma kienx qed jikkontesta li l-kumpanija tieghu kellha d-dejn, ma riedx ihallas ebda interessi fuqu . Aktar minn hekk jibqa' pero' importanti ferm illi imkien fid-depozizzjoni tieghu l-istess Roger Portelli ma pproduca ebda prova ta' pagament u lanqas jinnega illi ghad baqa' xi bilanc dovut mill-kumpanija tieghu lis-socjeta' attrici . Jghid biss illi ma jiftakarx, billi kien ghadda hafna zmien.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, is-socjeta' attrici hija gustifikata tirreklama l-ammont mitlub minghand is-socjeta' konvenuta .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza, billi fil-waqt illi tillibera lill-konvenut Roger Portelli mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talba attrici sa fejn din hija diretta kontra s-socjeta' konvenuta "Restaurants and Hotels Caterers Company Limited" u tikkundanna lill-istess socjeta' sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn hamsa u erbghin lira maltija u erbgha u sebghin centezmu (LM245.74) rapprezentanti l-bilanc dovut minnha ghal xiri ta' xorb minghand is-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 1995 u ta' l-ittri nterpellatorji tat-30 ta' Gunju 1995 u l-24 ta' Awissu 1995, u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra s-socjeta' konvenuta .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si5995PC
948